**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES SENA MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**
**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqralhom l-istorja ***Marija l-Furnara***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

## MARIJA L-FURNARA

***L-ewwel parti***

1. Marija Brincat, jew aħjar kif inhi magħrufa bħala Marija l-Furnara, twieldet Ħal Qormi. Għandha disgħin sena. Xagħarha abjad qotna, miġbur f'qagħqa. Minkejja l-età kbira tagħha, għadha tmur il-forn kuljum biex tgħin kif tista' lis-sitt uliedha. Dawn ilkoll ħadu u tgħallmu din is-sengħa minn għandha.

2. Marija hija bint furnar ukoll. Hija dejjem tiftakarha taħdem il-forn ta' missierha li hemm fi Triq l-Ifran, Ħal Qormi stess. Meta kienet daqsxejn ta' tifla, kienet tmur il-forn biex tagħti daqqa t'id lil missierha fit-tindif tal-forn. Qatt ma kienet toqgħod idejha fuq żaqqha. Hija dejjem kienet tara x'tivvinta biex tgħin mill-aħjar li tista'.

3. Ta' tlettax-il sena bdiet tagħmel xi ħobża tal-Malti u ħobż ieħor. Meta kellha għoxrin sena tilfet lil missierha u l-forn għadda f'idejha. Bdiet tmexxih hi, waħedha.

***It-tieni parti***

4. Marija żżewġet lil Karmnu meta kellha tnejn u għoxrin sena. Karmnu kien furnar ukoll. Hu beda jaħdem fil-forn ta' martu. Bejn għax kienu t-tnejn bieżlin u bejn għax dejjem żammew il-forn nadif xummiema, in-nies qatt ma naqsu. B'hekk Marija u Karmnu dejjem kienu b'ilsienhom barra biex ilaħħqu mad-domanda tal-parruċċani tagħhom.

5. Sewwa jgħid il-qawl Malti li *Bin is-sengħa għandu nofsha* għax is-sitt uliedhom kollha kemm huma ħadu din is-sengħa. Dawn tant irnexxew li llum fetħu ħamest ifran oħra. It-tifel il-kbir żamm il-forn ta' Marija hu.

6. Minkejja li wliedha spiss jgħidulha biex tistrieħ, Marija għadha sal-lum tmur sal-forn. Filwaqt li tbigħ xi ħobża, toqgħod tirrakkonta minn xiex għaddiet meta kienet ferm iżgħar fl-età.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** ___________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)

**Total: 15-il marka**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

*L-ewwel parti*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Marija Brincat twieldet | Ħal Qormi.<br>Ħad-Dingli.<br>Ħaż-Żebbuġ.<br>Ħal Safi. |
| 2. | Illum għandha | tletin sena.<br>erbgħin sena.<br>tmenin sena.<br>disgħin sena. |
| 3. | Tfal kellha | tnejn.<br>erbgħa.<br>sitta.<br>sebgħa. |
| 4. | Missierha kien | għalliem.<br>bejjiegħ tal-ħaxix.<br>furnar.<br>teknixin tal-kompjuter. |
| 5. | Marija kienet diġà tagħmel il-ħobż | ta' sitt snin.<br>ta' tlettax-il sena.<br>ta' għoxrin sena.<br>ta' tletin sena. |
| 6. | Missierha miet meta kellha | għoxrin sena.<br>tletin sena.<br>erbgħin sena.<br>ħamsin sena. |
| 7. | Għall-ewwel Marija bdiet tmexxi | bl-għajnuna ta' wliedha.<br>m'ommha.<br>ma' wliedha.<br>waħedha. |

***It-tieni parti***

8. Żewġha kien jismu
- Ġorġ.
- Bastjan.
- Karmnu.
- Grabiel.

9. Illum il-familja ta' Marija għandha
- żewġt ifran.
- tlett ifran.
- ħamest ifran.
- sitt ifran.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***Xagħarha abjad qotna*** tfisser li xagħarha kien
- miġbur u nadif.
- abjad ħafna.
- nnukklat.
- bil-ġel.

11. ***Tagħti daqqa t'id*** tfisser
- tgħin.
- tiġġieled.
- tferfer idejha biex titkellem.
- tagħti kulma jkollha.

12. ***Dejjem b'ilsienhom barra*** tfisser
- iħobbu jitgħażżnu.
- jistrieħu spiss.
- il-ħin kollu jpaċpċu.
- dejjem sejrin bix-xogħol.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem: ______________________________

Klassi: ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



***Aqra sew din is-silta.***

## *Il-Ħanut ta' Marija*

Is-sinjura Marija Bajada minn dejjem xtaqet li tiftaħ ħanut tal-merċa, imma żewġha Turu dejjem qalilha le. Is-sur Turu kien tat-tajjeb minn twelidu għax wiret ħafna flus. Barra minn hekk kien sid ta' ħafna ħwienet f'Tas-Sliema. *(par. 1)*

Lil martu kien spiss jgħidilha, "Aħna m'għandniex bżonn flus. M'għandekx għalfejn toqgħod tqum kmieni u toqgħod tbati sservi lin-nies. Il-ħajja gawdiha għax m'aħniex għal hawn." *(par. 2)*

Minkejja li Marija xtaqet li taqta' xewqitha, lil żewġha kienet tħobbu wisq u ma xtaqitx li tgħidlu le biex ma tinkwetahx. Żewġha kien marid b'marda serja u ma tantx kellu ħajja. Il-marda kiefra li kellu s-sur Turu ma ħafritilux. F'lejlet il-Milied ta' għaxar snin ilu, ħalliena. Marija bkiet fuq li bkiet it-telfa ta' żewġha. Sabet ruħha waħedha, armla u bla tfal. Ma kinitx taf kif se tqatta' l-ġranet twal li sabet ruħha fihom. Li ssib ruħek waħdek mhux ċajta. Tgħidx kemm kienet tkun qalbha sewda meta tkun waħedha u ma tistax tiftaħ qalbha ma' xi ħadd! *(par. 3)*

L-idea li tiftaħ il-ħanut reġgħet daħlet f'moħħha. Ma damitx wisq biex fetħet il-ħanut li dejjem xtaqet. F'inqas minn sena mill-mewt ta' żewġha, fetħet ħanut minflok il-garaxx li kellha mad-dar. *(par. 4)*

Jum wara jum, il-parruċċani bdew ġejjin. Għall-ewwel bdew ġejjin ftit ftit, imma aktar m'għadda ż-żmien, aktar bdew jiżdiedu parruċċani ġodda. Kull x'ħin tgħaddi, il-ħanut ta' Marija dejjem kien ikun mimli daqs bajda. Fil-ħanut kont tista' ssib minn kollox, għalkemm ma kienx xi ħanut kbir. Il-parruċċani kienu jieħdu gost jixtru minn għandha peress li l-ħanut kienet iżżommu nadif tazza. Barra l-indafa n-nies kienu jiġu bi ħġarhom għax il-prezzijiet kienu orħos minn ta' ħaddieħor. *(par. 5)*

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, Marija bdiet tħossha aħjar peress li issa setgħet tqatta' ħafna mill-ħin tpaċpaċ man-nies. L-importanti għaliha mhux kemm tbigħ jew kemm tagħmel qligħ, imma li jkollha ma' min tgħid kelma. Fil-ħanut kienu jitkellmu fuq kollox u peress li l-kliem bħaċ-ċirasa, bosta mill-parruċċani kienu jibqgħu fil-ħanut anki wara li jkunu għamlu x-xirja. *(par. 6)*

Illum il-ħanut ta' Marija huwa magħluq u mitluq. In-nies li kienu jmorru fil-ħanut tagħha spiss joqogħdu jiftakru fiż-żmien li qattgħu jpaċpċu flimkien u fix-xirjiet li kienu jagħmlu fil-ħanut ta' Marija. *(par. 7)*

**A. *Issa aqra, ifhem u wieġeb b'*sentenzi sħaħ*.***
***Tagħmilx żbalji fil-kitba.*** ***(13-il marka)***

1. X'kienet ix-xewqa ewlenija ta' Marija? ____________________________

______________________________________________________________ (1)

2. Min kien is-sur Turu? ______________________________________

______________________________________________________________ (1)

3. Semmi raġuni waħda għaliex il-familja Bajada kienet sinjura. ___________

______________________________________________________________ (1)

4. Sib **żewġ aġġettivi** minn paragrafu 3 li jiddeskrivu l-marda tas-sur Turu.

______________________________________________________________ (1)

5. Fejn fetħitu l-ħanut Marija? ____________________________________

______________________________________________________________ (1)

6. Iddeskrivi l-ħanut ta' Marija. ___________________________________

______________________________________________________________ (1)

7. Għaliex il-parruċċani bdew dejjem jiżdiedu? ________________________

______________________________________________________________ (1)

8. X'kien importanti l-aktar għal Marija, li tbigħ jew li jkollha ma' min tgħid kelma? ____________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

9. Mis-silta sib l-espressjonijiet li jfissru dawn:

(a) sinjur ħafna *(par. 1)* ____________________________________ (1)

(b) miet *(par. 3)*__________________________________________ (1)

(ċ) imdejjqa ħafna *(par. 3 )*_________________________________ (1)

(d) kelma ġġib lil oħra *(par. 6)* _____________________________ (1)

10. Għaliex taħseb li llum il-ħanut ta' Marija huwa magħluq u mitluq?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

B. ***Immarka bis-sinjal*** *✓ ħdejn kull sentenza taħt Veru jew Falz.*

***(8 marki)***

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Is-sur Turu Bajada minn dejjem kien sinjur. *(par. 1)* | ✓ | |
| 2. | Martu Marija minn dejjem kellha ħanut tal-merċa. *(par. 2)* | | |
| 3. | Is-sur Turu miet fl-ewwel tas-sena. *(par. 3)* | | |
| 4. | Turu u Marija kellhom żewġt itfal. *(par. 3)* | | |
| 5. | Il-ħanut fetħitu minflok il-kamra ta' l-ikel. *(par. 4)* | | |
| 6. | Fil-ħanut kont issib tixtri ħafna affarijiet. *(par. 5)* | | |
| 7. | Il-prezzijiet kienu ogħla minn ta' ħaddieħor. *(par. 5)* | | |
| 8. | Il-parruċċani kienu jitkellmu fuq kollox. *(par. 6)* | | |
| 9. | Illum il-ħanut m'għadux jinfetaħ. *(par. 7)* | | |

*Ċ. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx ma' l-oħrajn.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(7 marki)***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Marija | <u>qattusa</u> | Turu | Ġina | Frans |
| 2. | Il-Birgu | L-Imdina | Il-Ħamrun | L-Imsida | Għawdex |
| 3. | idejn | sieq | driegħ | għajn | widna |
| 4. | ħanut | marid | sinjur | ftit | ġdid |
| 5. | magħna | m'aħniex | m'għandniex | ma konniex | ma xtaqitx |
| 6. | iftaħ | oħroġ | orħos | ifraħ | ikteb |
| 7. | kiser | telaq | miet | fetħet | għalaq |
| 8. | farfar | legleg | kiser | tektek | kaxkar |

*D. Oħroġ* ***aġġettiv fil-komparattiv jew fis-superlattiv*** *mill-kliem miktub skur. L-ewwel waħda lesta.* ***(5 marki)***

1. Ħija ikbar **(kbir)** minni b'sena.
2. Jiena għalkemm ___________________ **(żgħir)** minnu fl-età, ___________________ **(twil)** minnu b'xi żewġ ċentimetri.
3. In-nies jaħsbu li jiena ________________ **(żgħir)** waħda fil-familja, imma miniex għax warajja hemm ħuti t-tewmin.
4. Ħija spiss jinkini li jien ________________ **(ħoxna)** minnu, imma qatt ma jgħid li jien ________________ **(sabiħ)** fost kulħadd.

*E. Ifhem din is-silta.*
*Wara daħħal* ***kliem*** *fil-vojt li jagħmel sens f'din is-silta.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(10 marki)***



Minn dejjem xtaqt insiefer. Sena ilu qtajt xewqti ________________ sifirt għall-ewwel ________________ mal-familja tiegħi.

Niftakar li dakinhar li kellna nsiefru, jien kont ferħan se ________________. Ħassejtni wkoll xi naqra ________________. Tlaqna ________________ l-ajruport kmieni, biex ma mmorrux nitilfu l-ajruplan li kellu________________ l-Italja. Sakemm sar ________________ biex nitilgħu fuq l-ajruplan, jien u ħuti qgħadna naraw l-ajruplani telgħin u ________________. Fl-aħħar wasal il-mument tant mistenni. Sejħulna ________________ nirkbu l-ajruplan. Fuq l-ajruplan kien hemm ħafna ________________. Din kienet esperjenza sabiħa li ma ninsa qatt.

*F. Daħħal kelma waħda biss fil-vojt li għandha **l-istess tifsira**.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(6 marki)***



Xahrejn ilu l-għalliema tagħna qaltilna li se mmorru mixja **(passiġġata)** fil-kampanja biex nitgħallmu fuq il-fjuri.

Iltqajna quddiem il-______________ **(mafkar)** ta' Dun Karm Psaila li hemm ______________ **(viċin)** il-knisja. Minn hemm bdejna mixjin lejn il-kampanja. Peress li kien l-istaġun tar-Rebbiegħa, il-kampanja kienet imżejna bi fjuri sbieħ ta' kull ______________ (**qies**) u kull ______________ (**lewn**). Matul il-mixja, għaddejna mill-mogħdijiet li sibna biex kemm jista' jkun ma nirfsux fjuri. Aħna t-tfal tgħidx kemm staqsejna ______________ **(domandi)** lill-għalliema tagħna u tgħidx kemm tgħallimna mit-______________ (**risposti**) li tatna.

*Ġ. Imla l-vojt skond dak li hemm fil-parentesi.* ***(8 marki)***



Ftit jiem oħra u jibdew (*ikteb* **l-artiklu)** _________ vaganzi tas-Sajf. Aħna nkunu ________________ (*plural ta'* **ferħan)** bihom għax (*kelma waħda flok* **fi + il-)** ________________ vaganzi nistrieħu. Il-mistrieħ huwa tajjeb għal (*kelma waħda flok* **il-ġisem tagħna)** ________________. Għalkemm ma jkollniex skola, (*in-negattiv ta'* **għandna)** _______________ naħlu l-ħin u tajjeb li (*verb mill-għerq* **Q-B-D)** ________________ xi ktieb u (*kelma waħda flok* **naqraw lilu)** _______________. Ħafna huma dawk li jħobbu l-baħar, imma rridu niftakru li ħafna (*il-plural ta'* **siegħa)** ________________ fix-xemx huma ħażin ħafna għal saħħitna.

*G. Aqra sewwa.*

*Ara x'hemm fil-parentesi.*

*Sib it-tweġiba t-tajba.*

***Wara imla l-vojt.*** **(*8 marki*)**




Bejn iċ-Ċirkewwa u l-port _______________ (*agħżel* ***ta, ta', taha***) l-Imġarr Għawdex, jitħaddem servizz bil-vapur operat mill-kumpanija *Gozo Channel*. Is-servizz bil-vapur iġorr kemm _______________ *(ikteb kelma waħda li tfisser* ***nies li qed jivvjaġġaw****)*, kif ukoll vetturi u merkanzija. Il-vjaġġ bejn Malta u Għawdex jieħu madwar nofs siegħa. Illum il-kumpanija *Gozo Channel* għandha flotta ta' _______________ *(ikteb in-numru* ***3*** *fi kliem*) vapuri: l-MV Malita, l-MV Gaudos u l-MV Ta' Pinu li lkoll inbnew fit-tarzna ta' Malta lejn tmiem is-snin _______________ *(ikteb in-numru* ***90*** *fi kliem*). Is-servizz hu wieħed ta' _______________ *(ikteb kelma waħda li tfisser* ***frekwenti****)* u fis-sajf jiżdiedu l-vjaġġi biex ilaħħqu mat-talba tal-Maltin u t-turisti.

L-iskeda tas-Sajf tibda _______________ (*agħżel* ***min, min-, minn***) Ġunju u _______________ (*oħroġ verb minn* ***baqa'***) sejra sa l-aħħar ta' Settembru. Matul dan iż-żmien ikun hemm vjaġġ kważi kull siegħa. Il-vjaġġi jonqsu xi ftit fix-Xitwa, filwaqt li s-servizz jista' jiġi sospiż minħabba l-maltemp. F'każ ta' dubju, jew għal iktar _______________ *(ikteb kelma waħda li tfisser* ***tagħrif****)*, wieħed jista' jċempel f'wieħed mill-uffiċċji tal-kumpanija.

| |
|---|
| *GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar **wieħed** minn dawn is-suġġetti:* ***(20 marka)*** |

1. **Il-festa tar-raħal**

   *Għid liema hija l-festa tal-belt jew raħal fejn toqgħod.*

   *Meta jiċċelebrawha?*

   *Xi jsir matul il-festa?*

2. **Żewġt iħbieb favoriti tiegħi**

   *Ikteb dwar dawn iż-żewġt iħbieb.*

   *Għid min huma.*

   *Għid għaliex huma speċjali.*

3. **Jien kelb**

   *Għid x'tip ta' kelb int u fejn tgħix.*

   *X'avventuri sbieħ jew koroh tgħaddi minnhom?*

   *Għid ukoll jekk din il-ħajja hux qed togħġbok jew le.*

4. **Kont id-dar naqra ktieb bil-Malti …**

   *Kompli din l-istorja kif trid int.*

   *Ibda bil-kliem li jidher skur hawn fuq.*

5. **Serqa**

*Irrakkonta storja ta' raġel li waqt li daħal jixtri f'ħanut, serqulu l-bagalja mill-karozza.*

*Għid x'għamel meta nduna.*

***Tmiem il-Karta***